CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 28

It- Tnejn, 9 ta' Awwissu 2021

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-9.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-9.15am.

**28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

28.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

28.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas- Seba' u Għoxrin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

28.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

28.3.1 Is- Sindku ssuġerixxa li ġewwa Howard Gardens (It- Tomba) fejn hemm il-ġibjun jiddawwar b'fence għar-raġuni li qed tkun mimlija bil-ħmieġ tal-klieb. Talab li jitqabbad il-perit tal-Kunsill biex jipprepara u jitfa applikazzjoni għal permessi neċessarji.

28.3.2 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-proġett tas-sistema l-ġdida tad-dawl madwar is- swar ta' l-Mdina ser jibda fil-ġimgħat li ġejjin.

28.3.3 Is- Sindku talab li ssir applikazzjoni għal permess ma' l-ERA biex jinqata' xi zokk perikoluz li jinsab fejn it-tinda taz-zwiemel.

28.3.4 Is- Sindku talab li tintbgħat ittra lill-Ministru tat- Turizmu biex jingħata appuntament fejn jiġi diskuss is-sitwazzjoni tal-proġett għat-tisbieħ ta' Howard Gardens.

28.3.5 Is- Sindku qal li ġie infurmat mill-Kunsilliera s- Sna Sultana li ix-xogħolijiet ta' restawr u manutenzjoni tal-pont ' Gomerino Bridge' gie approvat u fix-xhur li ġejjin ser jibda x-xogħol

28.3.6 Is- Sindku talab li jsir xogħol extra ta' ħasil tat-toroq ġewwa l-Mdina peress li fis-sajf fin-nuqqas li tagħmel ix-xita, l-art tkun maħmuga ħafna. Il-Kunsill approva

28.3.7 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li bħalissa qed isir manutenzjoni tal-kaptelli ġewwa l-Mdina fejn qed jitpoġġa xi rubber.

28.3.8 Is- Sindku tkellem fuq is-sitwazzjoni ta' l-avveniment Medieval Mdina għal 2022 fejn wieħed għadu ndeċix minħabba s-sitwazzjoni tal- pandemia għar-raġuni li sa dak nhar avvenimenti tal-massa jistgħu ikunu għadhom projbiti. Il-Kunsill ser jistenna sa Diċembru biex jara s-sitwazzjoni u tittieħed deċizjoni ssirx jew le.

**28.4 Approvazzjoni Rapport ta' Evalwazzjoni- Xiri ta' Zewġ Vetturi tip elettriku għall-Kunsilli ta' l-Mdina u r- Rabat**

28.4.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapport ta' evalwazzjoni għal xiri ta' zewġ vetturi jaħdmu bl-elettriku fejn dawn ser jintuzaw mir-residenti ta' l-Mdina u r-Rabat

28.4.1.1 Is-SE qal li l-unika offerta li ġiet sottomessa kienet minn Motors Inc. Ltd u tammonta għal €64,456.32. Huwa fakkar lil Kunsill li l-għotja li ngħatat minn TM b'rabta mal- European Mobilty Week kienet ta' €50,000. Għaldaqstant jekk il-Kunsill japprova li jingħata il-kuntratt ikollu joħrog id-differenza mill-fondi tiegħu u jinqasam bejn iz-zewġ lokalitajiet.

28.4.1.2 Is- Sindku sostna li dan is-servizz ser jingħata għal ġid tal-Komunita fejn għandna ħafna residenti anzjani u zgur li ser jibbenifikaw minn dan is-servizz. Huwa qed jitlob li l-ispiza addizjonali titħallas mill-fond tal- Capital Cities Fund mill-allokazzjoni annwali.

28.4.1.3 Il-Kunsill approva nem-con dan ir-rapport.

**28.5 Approvazzjoni rapport ta' Evalwazzjoni – Tender MLC01/21- Gbir ta' Skart Domestiku**

28.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapport ta' evalwazzjoni għal ġbir ta' skart domestiku.

25.5.1.1 Is- Sindku u l-Viċi Sindku talbu li ma jieħdux sehem fid-diskussjoni u lanqas dritt tal-vot għar-raġuni li huma t-tnejn kienu jiffurmaw parti mill-Bord ta' Evalwazzjoni

25.5.1.2 Is SE qal li ntefgħu zewġ offerti li kienu ta' WM Environmental Ltd u Chris Gatt. Il-Bord qed jipproponi li l-offerti ma jiġux kkunsidrati għar-raġuni li z-zewġ offerti mitfugħa mhumiex teknikament konformi ma dak mitlub fid-dokument ta' l-offerti.

25.5.1.3 Il-Kunsill approva nem-con dan ir-rapport. Sadanittant il-Kunsill talab lis SE jikteb lid-Dipartiment għal Gvern Lokali u jinfurmahom b'dan għar-raguni li l-kuntratt ezistenti jispiċċa fl-24 ta' Awwissu 2021 u jitlob direzzjoni jekk għandux joħroġ sejħa oħra għall-offerti jew jistax jitkompla l-kuntratt ezistenti peress li huma imminenti li l-ġbir ta' l-iskart domestiku jibda jsir mir- Regjun.

**28.6 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

28.6.1 Creative Europe "Medieval Villages Itinerary"- Il-Kunsill ta' L-Mdina ġie mistieden mis-Sindku ta' Ribadavia, Spagna biex l-Mdina tipparteċipa flimkien ma sitt pajjizi oħra f'dan il-proġett b'fondi mill- Unjoni Ewropea li jaslu sa 70% ta' l-ispejjez. Għal dan il-għan bejn it- 3 u l-5 ta' Settembru ser issir laqgħa preliminari ġewwa Ribadavia. Il-Kunsill approva li għal din il-laqgħa is- Sindku u rapprezentant mill-Kunsill ikunu prezenti.

28.6.2 Human Rights Directorate- Talba għal laqgħa mal-Kunsill

28.6.3 Compagnia San Michele- talba biex il-Kunsill jgħin lil din l-għaqda biex tkopri parti mill-ispejjez fil-manuenzjoni ta' St. Peter in Chains Church li ngħatat lilhom bi ftehim mal-Curia Arċiveskovali. Il-Kunsill qal li għalissa dan mhux possibbli u talab li din l-ittra tintbgħat lil Mdina Regeneration Committee għal kunsiderazzjoni tagħhom.

28.6.4 DLG Ċirkulari 5B/ 2021- Politika għall-Gvern Lokali 2021

28.6.5 UOM Medival Health Checks- L-Assoccjazzjoni medika fi ħdan l-Universita' ta' Malta qed toffri servizzi b'xejn ta' darba lir-residenti għal check up.

28.6.6 Il-Kunsilliera C. Scerri pproponiet li fil -kaz ta' revizjoni tar-rati għad-dħul ta' karozzi ġewwa l- Mdina, r-rata għal muzewijiet għandha titla' għal €25. Il-Kunsill approva.

28.6.7 Is- SE infurma lill-Kunsill li fit-13 ta' Lulju 2021 b'rabta ma konnessjonijiet tat-teknoloġija mal-Malta Government Network (Magnet), ntbgħatu xi istudenti tal-ICT mill- Information Management Unit fil-Kunsill Lokal kollha biex isir upgrading tal-ICT meħtieġ sabiex isiru installazzjonijiet, updates jew settings tal-apparat bħal per eżempju software eżistenti, printers, cameras eċċ.

28.6.7.1 Sfortunatament fir-rigward tal-PC tas- SE ntilfet d-data kollha inkluz is- SAGE Evolution. Is-SE qal li peress li mhux espert ta'l- IT talab rapport dettaljat ta' ezattament x'gara u dan ir-rapport qed jitpoġġa fuq il-mejda tal-kamra. Il-Kunsill xtaq juri d-dispjaċir tiegħu ta' dak li ġara u talab lis- SE li jsir dak kollu meħtieġ biex terġa tinbena d-database akkost li jintefqu l-flus mill-Kunsill minħabba l-inkompetenza ta' min kien konċernat f'dan il-proċess ta' IT.

**28.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

28.8.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-iskedi ta' ħlasijiet li jġibu id-dati tal- 9 ta' Awwissu 2021 (mehmuż) li jammonta għas-somma ta' € 16,488.52

28.8.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskedi ta' ħlasijet ser jiġu iffirmati miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**28.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

28.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-11.38am u ġiet aġġornata għal 6 ta' Settembru 2021 fit-9am

IFFIRMATA
Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMATA
Mark Mallia
Segretarju Eżekuttiv

Data: 06-09-2021